MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 220/2003

**John Lentini ghan-nom in rappresentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal–assikurat taghha Stephen Barbara sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Stephen Barbara**

**vs**

**George Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine et s-somma ta’ sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm652.16) rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-12 ta’ Lulju 2002 fi triq ta’ Farsina, Qormi bejn vettura numru ta’ registrazzjoni BAC217 misjuqa mill-konvenut u proprjeta ta’ Christino Attard u vettura bin-numru ta’

registrazzjoni CBG 829 misjuqa minn Paul Grech u proprjeta ta'l-assikurat Stephen Barbara, prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult u ta'l-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur nomine et sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine et s-somma ta' sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm652.16), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------